

Brussell, 16 ta' April 2024
(OR. en)

8687/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0137(CNS)

ECOFIN 418
UEM 80
CODEC 1047

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titthaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titthaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Il-proposta kienet parti mill-pakkett dwar il-Governanza Ekonomika.
2. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titthaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv hija bbażata fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija soġġetta għall-proċedura leġislattiva speċjali, li tipprevedi konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Il-proposti tal-pakkett dwar il-Governanza Ekonomika għandhom l-għan li jsaħħu s-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli billi jimxu lejn qafas ta' sorveljanza tal-UE bbażat fuq ir-riskju li jiddistingwi bejn l-Istati Membri billi jqis id-dejn pubbliku u l-isfidi ekonomiċi tagħhom. B'mod speċifiku, ir-regoli għall-ftuħ u l-għeluq ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) għal ksur tal-valur ta' referenza tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG (l-hekk imsejħa "PDE bbażata fuq id-defiċit") jibqgħu ġeneralment l-istess, b'xi aġġustamenti biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-PDE għal ksur tal-kriterju tad-dejn (l-hekk imsejħa "PDE bbażata fuq id-dejn").
4. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposti f'31 laqgħa mit-2 ta' Mejju sad-19 ta' Diċembru 2023.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil fil-prinċipju fil-21 ta' Diċembru 2023, soġġett għal rieżami mill-ġuristi lingwisti. Tnieda proċess ġdid ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Bank Ċentrali Ewropew minħabba l-bidliet sostantivi introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni.
6. Il-Bank Ċentrali Ewropew ippubblika l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023 (ĠU C 290, 18.8.2023, p. 17–25) u għażel li ma jadottax opinjoni ġdida meta ġie kkonsultat mill-ġdid.

7. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' April 2024.
8. Ir-rieżami mill-ġuristi lingwisti tlesta; it-test finali jinsab fid-dokument 6919/24.

III. KONKLUŻJONI

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta t-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv kif jinsab fid-dok. 6919/24 bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.